# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fit-22 ta' Ġunju 2013 :

(a) għall-ħabta tas-"01:30hrs gewwa Taboo Bar, Cospicua Rd, Paola zammejt il-hanut tieghek miftuh ghal pubbliku wara 01:00 bi ksur ta' LS 441.07 it-Tieni Skeda (Reg 36) Taqsima II (03) ;

(b) "ma obdejtx l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallejtx lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi gibt fix-xejn jew hassart dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li kien, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienux

jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra u dan bi ksur tal-Art 338(ee) tal-Kap 9."

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-ewwel imputazzjoni f'dan il-każ hija bażata fuq allegat ksur tar-regolament numru 36 tal-A.L. 1 tal-2006 li jippreskrivi l-ħinijiet tax-xogħol għal postijiet kummerċjali.

Mill-affidavit ta' PS285 G. Cutajar jirriżulta li fid-data inkriminata, l-imputat kien miftuħ għan-negozju wara l-ħin regolamentari. Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha in kwantu skont ir-regolament 36 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li għalih jagħmel riferenza l-paragrafu 3 tat-Tielet Skeda), stabbilimenti tal-*catering* (u l-Qorti hija wkoll konvinta mill-liċenza ezibita u konfermata li l-fond ġestit mill-imputat huwa liċenzat bħala stabbiliment tal-*catering*) jista' jinżamm miftuh f'kull ġurnata sas-

01:00. Dan ir-regolament għalhekk ma ġiex osservat mill-imputat stante li ġie soddisfaċentement ippruvat li kien għadu miftuh wara s-01:00.

Kwantu għat-tieni imputazzjoni, jirriżulta wkoll mill-affidavit tas-PS285 li huwa kien irċieva l-informazzjoni li l-imputat kien għadu bil-ħanut Taboo Bar miftuħ permezz ta' telefonata li waslet l-għassa għall-ħabta tas-01:10. PS285 mar fuq il-post personalment. Huwa jgħid li huwa ta l-ordni lill-imputat biex jagħlaq il-ħanut u jitfi l-mużika. Huwa jgħid ukoll li sas-01:30 kien għad baqa' n-nies fil-ħanut jixorbu ġewwa u l-bieb tal-ħanut kien għadu miftuħ u nnota xi nies dieħlin fil-ħanut. Huwa imbagħad informa lill-imputat li kienu ser jinħarġu l-imputazzjonijiet konċernati.

Din il-Qorti hija konvinta li l-ordni partita mingħand PS285 kienet verament ordni u li din ukoll kienet waħda leġittima. Dak li din il-Qorti hija perplessa dwaru huwa dwar eżattament fi x'ħin ingħatat din l-ordni. Bejn il-ħin li daħlet it-telefonata u l-ħin li PS285 isemmi fl-affidavit tiegħu kienu għaddew mhux aktar minn għoxrin minuta. Għalkemm l-ordni leġittima tal-Pulizija trid tiġi obduta mingħajr riżervi u immedjatament, din il-Qorti ma tistax tgħid eżattament jekk din l-ordni ġietx partita ftit qabel is-1:30 jew ħafna qabel is-1:30. Dan id-dettal jagħmel differenza kbira għaliex jekk ingħata l-ordni kwarta qabel u l-imputat injora din l-ordni u baqa' għaddej jgħaffeġ minn fuqha, allura

hemmhekk il-Prosekuzzjoni tkun ġustifikata tipproċedi b'dik l-imputazzjoni.  Iżda jekk dik l-ordni ġiet partita minuta, tnejn jew ħames minuti qabel allura s-sitwazzjoni tinibidel xi ftit jew wisq.

Biex din it-tip t'ordni tkun trid tiġi obduta tempestivament fis-sustanza tagħha mhux suffiċjenti li l-imputat jagħlaq il-bieb tan-negozju tiegħu – iżda jkun irid jassikura li kull min ikun ġewwa ikun ħareġ il-barra u li l-ħanut ikun vojt minn parruċċani.  Biex in-nies li kienu preżenti jiġu evakwati l-barra tkun trid ftit tal-ħin għax fl-aħħar mill-aħħar dawn in-nies ma humiex bhejjem u ma jaħtux għal-fatt li l-imputat naqas mill-obbligi regolamentari tiegħu.   Din il-Qorti mhix moralment konvinta li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi il-Qorti filwaqt li qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni kontestata lilu u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena, issibu ħati fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni kontestata lilu u wara li rat ir-regolamenti 13 tal-A.L. 1 tal-2006 nonche r-regolament 36 tal-A.L. 1 tal-2006  (u li għalih jagħmel riferenza l-

paragrafu 3 tat-Tielet Skeda) u r-regolament 53 tal-istess Avviż Legali 1 tal-2006, kif ukoll l-Artikoli 17, 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati għal ammenda ta' ħames mitt euro (€350) u ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tissospendi l-liċenza mogħtija lill-imputat f'dak li għandu x'jaqsam mal-eserċizzju ta' dik l-attivita' kummerċjali żvolta mill-istabbiliment de quo għal perjodu ta' ħmistax il-jum.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***